# Festival Marittimu ġewwa l-Isla - 2010

Nhar il-5 u 6 ta' Ġunju 2010, ix-xatt sabiħ tal-belt Sengleana se jkun qed jilqa' fih il-Festival Marittimu. L-Isla, kif inhi magħrufa magħna l-Maltin, hi waħda mill-ġojjelli tat-tlett ibliet. Ilsien art li jixref għal fuq il-Port il-Kbira, imħarsa mill-Forti San Mikiel, hi mogħnija b'inħawi li jipprestaw ruħhom bl-aħjar mod biex jilqgħu fihom dan il-festival marittimu.

Skont is-Sur Joe Casha, Sindku tal-Isla, l-għan tal-Kunsill Lokali ta' din il-belt, li qed jorganizza dan il-festival, huwa li permezz tiegħu jħares il-wirt storiku u kulturali ta' din il-belt waqt li jqajjem għarfien għall-potenzjal tal-lokalità li tista' tiġi żviluppata ferm aktar.

"Grazzi għall-fortifikazzjonijiet, binjiet storiċi, u rabtiet kbar mal-baħar, l-Isla hija għażla naturali għal festival marittimu. Hemm wisq x'wieħed jiskopri fl-Isla, u aħna qed nimmiraw li nħeġġu lin-nies jimbarkaw fuq dan il-vjaġġ ta' skoperta."

L-Onorevoli Chris Said, Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali, faħħar lill-Isla u lis-Sindku tagħha għall-organizzazzjoni ta' dan il-festival. Huwa qal li l-Gvern ħoloq 'Skema għall-Attivitajiet Kulturali' li permezz tagħha qed jgħin l-iffinanzjar ta' attivitajiet simili. Fl-2009, kienu 36 il-Kunsill Lokali li gawdew minn din l-iskema u bejniethom dawn ħadu 120,000 ewro. L-iskema tant kienet suċċess li għal din is-sena il-fondi żdiedu għal 250,000 ewro u 54 Kunsill Lokali ġa applikaw biex jagħmlu użu minnha. "L-għan waħdani tal-iskema hi li tgħin fil-preservazzjoni tal-identità lokali u li tippromovi l-kultura Maltija u Għawdxija."

F'Mejju li għadda l-festival inżamm fuq jum wieħed u għal dan il-Kunsill Lokali rċieva l-ġieħ tal-'*European Destinations of Excellence*' (EDEN), li hu proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea. It-tema kienet Turiżmu Akkwatiku, li saħħet l-identità tal-Isla bħala belt marittima. Dan il-ġieħ se jkun għall-wiri ġewwa l-Maċina, tul il-festival ta' din is-sena (*ara aktar l-isfel*).

Arti, snajja', storja, żfin, mużika, wirjiet, parati u spettakli storiċi se jkunu parti mill-attrazzjonijiet. Il-festival jibda is-Sibt, 5 ta' Ġunju fis-7 ta' filgħaxija u jkompli l-għada l-Ħadd bejn l-10 ta' filgħodu u s-2 ta' wara nofsinhar.

Fil-jumejn tas-Sibt u l-Ħadd, wieħed m'għandux jitlef li jara l-arti fit-toroq u s-snajja' ta' persuni mill-Isla fix-xatt ta' din il-belt; membri mis-Soċjetà Maltija tal-Arti, Manifattura u Kummerċ juru l-arti u ċ-ċeramika tagħhom; u l-Għaqda Kummissjoni Festa li se twassal wirja dwar l-Ordni ta' San Ġwann.

Is-Sibt filgħaxija t-turġien li jwasslu ghax-xatt tal-Isla se jkunu mixgħula bix-xemgħat u se jkun hemm ukoll wirja ta' vetturi militari.

Il-Ħadd se ssir wirja mill-*Birżebbuġa Yachting Club*; kompetizzjoni tas-sajd minn *Blue Sea Angling Sport Club*; wirja ta' *abseiling* mis-*St John's Rescue Corps* u l-*Malta Outdoors Abseiling*; u wirjiet oħra mill-Għaqda Dilettanti Sajjieda Barklori Isla; il-Koperattiva Sajjieda Marsaxlokk; il-*Malta Canoeing Federation*; l-i*Msida Sea Scouts*; Rkaptu tas-Sajd Antik Mġarrija; is-*Senglea Historical Society*, u s-*Senglea Regatta Club*.

Numru ta' Sqallin mistiedna għal dan il-Festival Marittimu, miġbura fl-Assoċjazzjoni *Il Gozzo Di Marika,* se juru dgħajsa Sirakużana tradizzjonali tas-sajd, waqt li l-Ħadd filgħodu l-Assoċjazzjoni *Pescatore Marittimi Professionali* se jtellgħu wirja ta' ħut.

Lok ċentrali ta' attivitajiet se tkun il-Maċina, fejn se jinżammu wirjiet statiċi, wirjiet awdjo-viżivi, taħdidiet u aktar tul il-jumejn, waqt l-Sibt filgħaxija se jkun hemm wirjiet fuq il-palk ewlieni, armat qrib il-monument Azopardo, mid-*Drop Out Band* fit-8.30pm u wara fl-10pm Ix-Xatt - spettaklu ta' teatru, żfin u kant

Fit-tliet sulari tal-Maċina, se tkun qed tiġti xi ħaġa l-ħin kollu. Is-Sala Caravaggio fil-pjan terran se tilqa' fiha il-*European Destination of Excellence for Aquatic Tourism Awards*, merbuħa mill-Kunsill Lokali tal-Isla, u wirja ta' arti tal-Caravaggio mtellgħa mill-Fondazzjoni Caravaggio.

Fl-ewwel sular ukoll se jkun mimli attività. Fil-Kamra tal-Projezzjoni, il-Piloti Marittimi Maltin se juru ritratti ta' vapuri marbuta mal-Konvoj, u l-Mużew tal-Avjazzjoni Navali se juri ritratti tat-tiġrif li sofriet l-Isla tul it-Tieni Gwerra Dinjija.

Fil-Kamra tal-Wirjiet se jkun hemm ħwejjeġ esibiti mill-Piloti Marittimi Maltin, u kollezzjoni marittima tas-Soċjetà tal-Mudelli Żgħar. Fil-Kamra tat-Terrazzin, se jkun hemm wirja ta' ħbula u għoqiedi waqt li li l-Awtorità Maltija għall-Ambjent u Pjanar se turi Galleriji Maltin u Kaxex taz-Zekzik.

Is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd filgħodu, il-*Book Distributors Ltd.* (BDL) se torganizza t-tnedija tal-ktieb *Belt ta' Qalbi* ta' Joe Galea; u l-ktieb *Royal Navy and its Tug Boats* ta' Michael Cassar. Dawn iż-żewġ tnedijiet u l-iffirmar tal-kopji tal-kotba se jinżammu fil-Kamra tal-Letteratura.

Fit-tieni sular se jkunu għaddejja ħames attivitajiet oħra. Fis-Sala Marittima se tkun qed tittellgħa wirja bit-tema '*Senglea – Eve of a Renaissance*' minn John Martin Borg, Caroline Said Lawrence, Anthony Calleja, Peter Vella de Fremeaux, Henry Alamango u T.M.P. Duggan.

L-artisti jiffokaw ukoll fuq ikoni reliġjużi, kisbiet, regatti u sbuħija arkitettonika tal-knejjes, swar u sqaqien fl-Isla.

Fil-Kamra tat-Teatru se tinżamm taħdita bis-suġġett "*The light of the past still enlightens the present…*" bi projezzjonijiet tal-arti tal-Caravaggio fil-Maċina. L-istess Kamra se tospita il-*Workshop* Internazzjonali *Suspended Spaces*, iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea u organizzat mill-Fondazzjoni Temi Zammit. Dan se jinżamm nhar l-4 ta' Ġunju mid-9 ta' filgħodu sas-1 ta' wara nofsinhar. Sadanittant nhar is-6 ta' Ġunju, Kevin Attard se jippreżenta teatru kontemporanju permezz tal-monologu *Ir-Ritwal*.

Il-Korporazzjoni Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u l-Kunsill Lokali tal-Isla se jkunu juru fil-Kamra tas-Saqaf Troll il-proġett ta' riġenerazzjoni fil-Baċir Numru 1, u l- proġetti propost tal-Belt tal-Isla. Fis-Sala tal-Wirt, Heritage Malta se tkun qed twassal il-Wirt Marittimu Malti, waqt li fil-Kamra tal-Ħadid, Gino Zarb se juri simboli u emblemi ta' vapuri tal-Qawwa Navali Brittanika.

Is-Sibt filgħaxija, tul ix-xatt tal-Isla, se jkun hemm xejn anqas minn erba' spettakli li jwasslu mill-ġdid ġrajjiet storiċi. Jibdew fis-7 ta' filgħaxija u se jġiegħlu li wieħed jgħix f'waqtiet ta' żmien li għadda. Waħda hija mtellgħa mill-*Malta Command World War II Living History* u mal-HRGM.

Oħra se twassal l-ambjent tal-Victory Kitchen kompluta bl-aċċessorji kollha bħal kukers tal-pitrolju u għodod tal-kċina, kif ukoll nisa jservu l-ikel, uffiċjali navali fosthom kaptan bis-sinjura tiegħu, l-Uffiċjal Ewlieni tal-Kostruzzjoni tax-Xiprajts u martu, membri tal-militar, prostituti u baħrin.

Għar-raba' waħda, l-Arċipriet tal-Bażilika tal-Isla, ir-Rev. Emanuel Brincat, organizza l-evokazzjoni tal-Maria Bambina, li titlaq minn Triq id-Duluri lejn ix-Xatt tal-Isla, fejn matul it-triq se jkun hemm diversi waqfiet li jwasslu inċidenti storiċi, fosthom il-wasla ta' dgħajsa b'ittra biex titwassal lill-Arċipriet u tħabbar il-kapitulazzjoni tat-Taljani fit-8 ta' Settembru 1943… u għalhekk malajr tinħoloq atmosfera ta' ferħ u festa…

Il-Ħadd filgħodu mhux se jkun nieqes minn dawn ir-rappreżentazzjonijiet storiċi. Se jsiru tlieta. Fl-10.30am nibdew nassistu għall-Ħajja tal-Kavallieri u l-Maltin; mill-11am sas-1pm naraw Il-Maċina Waqt Ix-Xogħol; u fin-nofsiegħa l-ispettaklu In Guardia. Waqt ir-rappreżentazzjoni marbuta mal-Maċina se naraw irġiel b'kostumi tal-epoka kif ukoll se jiġi użat galljun biex jiġu murija xogħlijiet fosthom it-tindif tal-arbli.

Se jkun hemm ukoll parati u marċi minn baned tul ix-xatt tal-Isla, is-Sibt mis-*Sea Cadets* u l-Ħadd mill-*Big Friends Guggen Band*, il-*Menħir Folk Group* tal-Qala, Għawdex, l-i*Msida Sea Scouts,* u t-*Tama Tnabar*.

Bl-għajnuna tal-Istitut tal-Istudji Turistiċi, se jkun hemm ukoll mawriet kulturali tal-Isla il-Ħadd filgħodu li jitilqu kull nofs siegħa minn ħdejn il-Monument Azopardo.

Fost l-isponsors ta' dan il-Festival Marittimu fl-Isla nsibu lil: is-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsilli Lokali; l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu; il-Ministeru tal-Edukazzjoni; Heritage Malta; l-Ambaxxata Taljana; l-Istitut Kulturali Taljan; is-Seashells Resort tas-Suncrest; il-Piloti Marittimi Maltin; Charts; Virtu Ferries; Firetech; Air Malta; Grand Harbour Marina; BDL; S&D Yachts Ltd; Macina Development Co. Ltd; Cassar Ship Repair Ltd; JB Stores; Green MT; the Grimaldi Group; Coca-Cola; Bank of Valletta; Go; Palm Shipping Agency Ltd; HSBC Bank Malta; Malita Shipping; John Ripard & Son; Fondazzjoni Temi Zammit – Education and Culture DG Culture Programme; Domeman Glove Co. Ltd; Sullivan Maritime u Emmanuel Delicata Winemakers.